**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 49

L-Erbgħin u erbgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2022 fis-6pm ġo sala ġewwa l-Każin ta' Ballutta.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsilliera |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Emanuel Borg | Kunsillier |
| | Tony Galea | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6.25pm:*

*49.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 47;*
*49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*49.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri*
*49.5 Bye-Law : Kabini*
*49.6 Rapporti ;*
*49.7 Items Oħra ;*
*49.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*49.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*49.10 Mozzjonijiet ;*
*49.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 49.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

49.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kunsillieri V.Galea Pace, W.Vella Baldacchino u J.Dougall talbu biex ikunu skużati. Kien hemm qbil. Is-Sindku nforma li se jittarjda u beda s-seduta l-Viċi Sindku la kien hemm quorum.

## 49.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 48

49.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Minuti nru. 48 intbagħtu u għandom jiġu meħuda bħala moqrija. Il-kunsillier E.Borg ppropona li l-Minuti jiġu approvat. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu u l-Minuti ġew approvati. *Approvazzjoni tal-Minuti 48*

**Il-kunsillieri P.Portelli u K.Wain waslu għall-ħabta ta' 18:30**

49.2.2 B'referenza għal punt 48.2.7 il-kunsillier P.Radmilli ppropona li għal każijiet bħal dawn noħorġu nofs l-ispejjez legali aħna meta residenti jiftħu każijiet dwar noise pollution. Qal illi fil-fehma tiegħu għandna nuru solidarjeta mar-residenti. *Noise Pollution*
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nistennew għall-wasla tas-Sindku li kien attenda għas-seduta l-qorti li saret f'Lulju, u li jkun jista jipprovdi informazzjoni.

49.2.3 B'referenza għall punt 48.2.9 il-kunsillier D.Muscat ta informazzjoni fuq l-attivita li għanda ssir nhar is-Sibt 10 ta' Settembru. Il-Viċi Sindku staqsa kemm se tiswa u jekk dawn il-flejjes se joħorġu mill-fondi kulturali tar-Reġjun. Wara diskussjoni l-kunsillier D.Muscat qal illi diffiċli jikkonferma baġit izda jaħseb se tkun irħas mis-€16,000. Il-Viċi Sindku qal illi ħaseb illi dawn il-fondi se jintużaw sabiex ngħinu *Sqaq Sajjan*

lill-baned, timijiet sportive, eċċ. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-Kunsill dejjem joħroġ fondi minn tiegħu fejn hemm bzonn, sta għall-għajnuna, jew għall-attivitajiet kulturali.
Dwar l-attivita l-kunsillier D.Muscat qal illi se nipprovdu parking fejn il-Blue Sisters fejn ikun hemm Sistema ta' Park and Ride għall-attivita.

**Is-Sindku daħal fis-18:50.**

Is-Sindku qal illi din l-attivita kienet se ssir mill-fondi tal-Kunsill u mhux tar-Reġjun. Il-kunsilliera għandom jibagħtu kif għandom jitqassmu l-fondi għal kull entita.

49.2.4 Mall-wasla tas-Sindku d-diskussjoni marret lura għall-punt 48.2.7 fejn is-Sindku qal illi l-każ kienet ġiet diferita izda ppropona li l-Kunsill ikun illi jiftaħ każijiet. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi huma n-nies illi jġibu l-firem u għalhekk jemmen illi għandna naħdmu id f'id man-nies.
Il-kunsillier K.Wain qal hemm bzonn naħdmu b'mod pragmatiku mar-residenti.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nirċievu izjed informazzjoni fuq il-każ illi ġiet differita għal Novembru qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq il-pass illi jmiss.

49.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-plakka ta' Ċensu Apap għanda titwaħħdal f'Settembru. Fuq dan il-punt il-kunsillir P.Radmilli qal għandna nibagħtu lil-PA jekk hemm bzonn nagħmlu plakka fuq kull niċċa meta niġu biex nagħlqu l-proġett tan-niċċeċ. *DPF*
Ippropona wkoll illi norndaw il-plakka ta' Tony Nicholl minn issa.

49.2.6 B'referenza għal punt 48.9.3 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi waħda mill-impjegati li hi eleġibbli applikat għal-post ta' Skala 13. Kien hemm qbil illi hi titla l-iskala. *Skala 13: Internal call*

49.2.7 B'referenza għal punt 48.9.4 is-Segretarju Eżekuttiv qal illi saret l-evalwazzjoni tat-tender. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li ssir Probation Period. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi important illi dawn it-tip ta' rikjesti jsiru waqt id-drafting tat-tender. *Project Management: Community Gardening*
Se ssir laqgħa mall-kuntrattur malli tagħlaq il-perjodu tal-appell sabiex ikun hemm ftehim fuq il-mod illi għandu jsir ix-xogħol.

49.2.8 B'referenza għal punt 48.9.6, l-attivita se ssir bejn 4 u 5 ta' Novembru *Attivita kulturali*

**49.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

49.3.1 Is-Sindku nforma li saret laqgħa mall-advisors tal-Ministru Miriam Dalli. Ġew diskussi proġetti fuq parks u ambjent u kien hemm qbil bejn kulħadd li attenda l-laqgħa li nissavalgwadaw dak illi hemm. Qal illi fil-30 tax-xahar se ssir laqgħa mad-Direttur tal-Ambjent, u wara se ssir laqgħa separata mall-Ministru stess.

49.3.2 Is-Sindku qal illi saret laqgħa mad-Direttur tal-istrateġija tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Qal illi apprezza l-fatt illi ġie informat illi wara li saret laqgħa mall-Onor. Zrinzo Azzopardi, dan informa lill-Ministru Owen Bonnici dwar l-assistenza li tlabna għall-monument ta' triq Bisazza, u dan irrefera l-proposta tagħna lid-Direttur.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi se ssir applikazzjoni għall-manutenzjoni tal-monument ta' triq Bisazza, kif ukoll il-manutenzjoni tad-dawl ta' Bisazza. Dan bħala parti mill-iskema li ħarġet fejn se jkun hemm fondi għall-dawk il-proġetti li saru mill-Gvern Ċentrali li għandom bzonn manutenzjoni.

49.3.3 Is-Sindku informa li hemm skema oħra li tapplika għax-xogħol neċessarju fuq funtani u ppropona li dawn jiġu utiliżati għall-funtana ta' Taormina, kif ukoll għax-xogħolijiet neċessarji ġewwa Pjazza Sant'Anna.
Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li nużaw dawn il-fondi għall-funtana tal-bridge ġewwa Ġnien Independenza. Is-Sindku qal illi l-Parks huma lesti jidħlu għal dan il-proġett u jippreferi li jekk insibu sors ta' għajnuna neħduha.

49.3.4 Dwar World Clean Up day saret applikazzjoni kif ġew informati l-kunsilliera b'emajl.

Is-Sindku qal illi informah il-President tal-AKL illi hemm skema fejn nistgħu napplikaw għall-iskema ta' Slow Streets u ppropona li ssir kumitat biex tiġi diskussa. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li tiġi diskussa waqt laqgħa tal-kumitat tal-fondi.

Is-Sindku qal illi se ssir laqgħa bejn l-AKL u l-Ministru tat-trasport dwar l-iscooters fejn se ssir żoni fejn dawn għandom jipparkjaw. Waqt diskussjoni ġie deċiż illi l-Kunsill ma jaqbilx illi dawn jingħataw fuq parkeġġi eżiżtenti.

Il-kunsillier D.Muscat qal illi kien applika biex jitla Brussels mar-Reġjun. Qal ir-Reġjun se jħallas għall-vjaġġ izda mhux għal-lukanda. Il-Kunsill approva li l-ħlas għal-lukanda ssir mill-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva l-istess proposta għall-vjaġġ lejn Turkijali waslet għand il-Kunsill u urew interess is-Sindku u l-kunsilliera P.Radmilli u W.Vella Baldacchino. Kien hemm qbil illi l-Kunsill iħallas għall-vjaġġ u għal-lukanda.

## 49.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

49.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal ma rċieva l-ebda mistoqsijiet qabel il-laqgħa

## 49.5 BYE-LAW

49.5.1 Is-Sindku informa illi d-DG tad-DLG informa l-Kunsill illi l-Ministru approva l-emmenda bil-kundizzjoni li tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi l-propsota tiġi approvata. Bye-Law: Kabini
Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-aġġustament jiġu approvati. Il-kunsillier D.Soler issekondaħ.

**Il-kunsillier D.Muscat avza li se jkollu jitlaq għal-ħabta ta' 19:45 minħabba impenji tax-xogħol. Telaq bil-permess tal-Kunsill**

## 49.6 RAPPORTI

49.6.1 Il-kunsillier P.Radmilli irrefera għar-rapport tal-landscaping fejn hemm referenza għall-pjanti li insterqu. Is-Sindku qal sirna nafu min kien u tpoġġew lura f'posthom.. Landscaping

**49.7 ITEMS OĦRA**

49.7.1 Is-Sindku qal illi hemm problema kbira bil-litter bins. Ippropona li ssir tender separat minn tat-tindif tat-toroq. Kien hemm qbil illi jkun hemm tender separat li tinkludi tindif tal-bins.
Is-Sindku qal ukoll illi meta l-Kunsill jaqbel illi ssir bin fuq post, dik tibqa hemm irrelevanti jekk ikun hemm ilmenti.
Il-kunsillier P.Radmilli ppropona li nixtru bins ġodda qabel ma toħroġ is-sejħa. Is-S.E qal illi t-tender tista toħroġ unit priced u b'hekk bins ġodda jitħallsu skont dik ir-rata.

49.7.2 Is-Sindku għamel referenza għall-magni tal-ilma li l-Kunsill kien approva fil-passat. Qal illi dawn huma kbar ħafna izda għandna nsibu tlett postijiet. Kien hemm qbil isiru fl-area ta' Taormina, ix-Xatt, u Qui Si Sana.

49.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se ssir laqgħa mas-Seg. Parl. nhar id-9 ta' Settembru għal min jista jattendi. Il-ġimgħa ta' wara s-Seg Parl. se tiġi l-Kunsill.

49.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm opportunita biex issir addendum għall-applikazzjoni tan-Norway Grants biex nestendu l-perjodu tal-proġett b'sena għal Frar 2024. Il-kunsillier P.Radmilli ppropona, izza qal illi jekk tingħata ma innaqsux ir-ritmu tax-xogħol fuq il-proġett. Il-kunsillier D.Soler issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

49.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Perit tal-proġett quddiem it-Teatru Salesjani informaħ illi t-TM mhux se japprovaw id-disin bil-parking quddiem it-Teatru jekk se jkun hemm parking u ma ssirx bankina. La din tmur kontra l-iskop tal-proġett li bi ħsibha toħloq żona pedonali, bi parir ta' TM kien hemm qbil illi jitneħħew dawn il-postijiet ta' parkeġġ sabiex toħroġ il-permess biex nibdew ix-xogħol.

49.7.6 Dwar il-kont tal-Perit tal-Car Park, is-S.E qal illi l-parir tal-avukat kien illi ssir ftehim mall-Perit, izda l-Perit kien ċar illi ma jistax ikun hemm kompromess.
Il-kunsillier P.Radmilli fakkar illi kien il-Perit illi mar overboard fl-istima, fejn anka f'emajl illi bagħat ftit ta' ġimgħat ilu informa li inizjalment kien intqal illi l-ammont għanda tiswa madwar €5 miljun. La issa l-istima hija għolja ħafna l-Kunsill se tagħmel biss parti mill-proġett, sakemm ma tidħolx is-settur privat fiha biex tgħin.

Il-Kunsill se jmexxi bid-deċiżjoni li ttieħdet, cioe illi titħallas 2% fuq il-valur ta' €1 miljun ewro li huwa l-valur illi l-Kunsill jista jonfoq fuq talli proġett f'dan l-istadju.
Kien hemm qbil illi tintbagħat ittra ta' l-avukat mall-pagament u l-kunsillier P.Radmilli talab illi jkun involut fit-tfassil tal-ittra.

**Is-Segretarju Eżekuttiv informa illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil sabiex il-laqgħa titkompla.**

49.7.7 Il-kunsillier P.Portelli ippreżenta statistiċi dwar il-following fuq il-mezzi soċjali fejn jidher ċar illi qegħdin naħdmu sew mall-kumpanija li qed tassisti bil-posts. Is-S.E qal illi tlabna tlett stimi oħra għal dan it-tip ta' xogħol, fejn il-Kunsill qabel illi mmexxu bl-irħas offerta.

49.7.8 Kien hemm qbil illi l-Kunsill jixtri kompjuters ġodda għall-istaff peress illi l-maġġoranza huma antiki.

49.7.9 Il-kunsillier T.Galea qal hemm tappiera li qed toħloq periklu ġewwa triq Tigne. Is-S.E qal informati biha u se tiġi indirizzata.

49.7.10 Il-Viċi Sindku qal illi qed jistaqsi għan-nom tal-kunsilliera V.Galea Pace dwar il-monument ta' Tony Nicholl. Is-S.E qal illi kif intqal fl-aħħar laqgħa wassalna biex nibdew mall-kuntrattur illi għanu jieħu ħsieb il-bażi..

49.7.11 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-gaġġa li kella ssir fil-ġnien. Is-Sindku qal jaħseb m'hu se jsir xejn wara li kien hemm min aggrida persuni li marru biex ineħħu t-tiġieġ. Issuġerixxa li sabiex jitkompla x-xogħol isir radi bil-lejl u li l-ġnien tingħalaq u ma jkunx hemm dawl..

49.7.12 Il-Viċi Sindku qal illi darba saret talba biex tintuża l-ex binja fejn kien hemm il-berġa ġewwa triq Dingli, sabiex din tintuża bħala mużew għal-lokal. Is-Sindku nforma li hija dar privata. Waqt diskussjoni ssemmiet illi ssir talba biex tintuża d-distillerija minflok.

49.7.13 Il-Viċi Sindku ressaq talba biex isir bin fejn l-istamperija ġewwa triq Ċensu Xerri.

.

**49.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

49.8.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti

**49.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

49.9.1 Il-kunsillier D.Soler ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier E.Borg issekondaħ. Kien hemm qbil unanimu.

**49.10 MOZZJONIJIET**

49.10.1 Tressqet mozzjoni mill-Viċi Sindku, issekondata mill-kunsillier D.Soler, b'talba sabiex il-Kunsill joħroġ izjed fondi, speċjalment bejn Ġunju u Settembru, għat-tindif. L-għajnuna tista tintalab ukoll minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Dan għalhiex qed ikunhemm ħafna tgergir fuq il-ħmieġ madwar il-lokalita.
Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li nagħmlu tabelli biex navzaw illi ċerti ġranet u ħinijiet se jmorru l-kenniesa sabiex ħadd ma jipparkja fil-parkeġġ illi se ttellef ix-xogħol milli jsir sew.

49.10.2 Il-kunsillier D.Soler qal illi m'għandu xejn x'iżid ma dak illi qal il-Viċi Sindku.

49.10.3 Is-Sindku qal illi kien jippreferi illi qabel ma tressqet il-mozzjoni kien informat qabel peress illi kien diġa tkellem mall-Prim Ministru, kif ukoll mas-Seg. Parl. dwar din il-problema fil-lokalita. Qal ukoll illi l-Gvern jalloka tant għal dan ix-xogħol mill-Kunsill.

49.10.4 Il-kunsillier P.Radmilli qal illi fil-preżent hemm problemi ta' fondi fil-pajjiz u għalhekk jemmen illi mhux iz-zmien illi nitolbu izjed flus mill-Gvern Ċentrali. Uża l-eżempju tal-UoM li raw tnaqqis ta' fondi. Fakkar ukoll illi diġa ibbenefikajna minn €20,000 fondi tat-turismu biex nieħdu ħsieb it-tindif b'mod aħjar. Żied illi għal diversi snin il-Kunsill irreġistra surplus, allura mhux possibli nitolbu iktar flus meta ma infaqniex dak illi ingħatajna.

49.10.5 Il-kunsillier P.Radmilli ssuġerixxa li nimpjegaw kenniesa a bażi ta' l-ammont illi jitħallsu. Qal ukoll illi għandom j
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nieħdu dan il-pass peress illi l-ħaddiema jaqaw taħt il-Kunsill, waqt illi fl-istess ħin hija piż finanzjarja inqas milli bil-kuntrattur.

**49.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

49.11.1 Is-Seduta ntemmet fl-22:10. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022

Minuti approvati llum 19 ta' Settembru 2022

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**John Pillow**
**Sindku**

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**